MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 530/2017 LM

**Boat Maintenance Malta Limited (C 60726)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Ivan Gerald Zammit (K.I. nru. 479166M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Ivan Gerald Zammit (K.I. nru. 479166M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-14 ta' Lulju, 2022, [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'] fi proċeduri istitwiti kontra tiegħu

mis-soċjetà attriċi **Boat Maintenance Malta Limited (C 60726)** [hawnhekk 'is-soċjetà appellata'], fejn it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

> *"Għaldaqstant, għall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u konsistentement magħhom, it-Tribunal qed jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' limitatament it-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u sitta u għoxrin Euro sebgħa u disgħin ċenteżmu (€726.97ċ), bl-imgħax dekorribbli mis-6 ta' Diċembru, 2017, u ċioe mid-data tan-notifika tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu in kwantu għal 85% mill-konvenut u in kwantu għal 15% mis-soċjetà attriċi."*

## <u>**Fatti**</u>

2. Fl-Avviż tat-Talba tagħha, is-soċjetà attriċi spjegat li hija topera *boatyard* u toffri servizzi ta' ħażna ta' dgħajjes u oġġetti oħra relatati mal-baħar. Qalet li l-konvenut qiegħed jagħmel użu minn żewġ postijiet li hija krietlu, maħsuba għall-ħażna ta' dgħajjes u tal-karrijiet tagħhom, u huwa debitur tagħha fis-somma ta' tmien mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€846.96), liema ammont jirrappreżenta l-kera dovuta sal-aħħar ta' Ottubru 2017. Permezz tat-talbiet tagħha lit-Tribunal, is-soċjetà attriċi talbitu jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tagħha fl-ammont ta' €846.96, bil-konsegwenti kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-istess, u bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet dovuti mill-31 ta' Ottubru, 2017 sal-ġurnata tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.

3. Il-konvenut wieġeb illi huwa minnu li s-soċjetà attriċi kienet tikrilu żewġ postijiet għall-ħażna ta' żewġ dgħajjes, iżda qal li fl-ebda mument ma kienet talbitu kera għall-ħażna tad-dgħajsa u kera separata għall-ħażna tal-karru, u

meta ma baqax jinkera l-ispazju għad-dgħajsa bin-numru S18632, qatt ma kien hemm kont dwar il-karru. Qal li għall-ħabta tal-aħħar ta' Settembru jew Ottubru, is-soċjetà attriċi permezz ta' David Sammut għarrfitu li d-dgħajsa bin-numru S18724 ma setgħetx tibqa' tinżamm ġewwa l-*boatyard* tas-soċjetà attriċi minħabba li kien hemm xi kwistjoni mal-MEPA. Qal li huwa talab il-kont pendenti li kellu mas-soċjetà attriċi, li min-naħa tagħha infurmatu li kellu jħallas disa' mitt Euro (€900) għall-ħażna tad-dgħajsa, u mitejn u ħamsin Euro (€250) għall-karru tal-istess dgħajsa. Qal li huwa oġġezzjona għal dan għaliex qatt u fl-ebda ċirkostanza ma ġie infurmat li kien ser ikun hemm ħlas separat għall-karru. Qal ukoll li meta ġie biex iħallas il-kont ta' disa' mitt Euro (€900), huwa ġie infurmat li kien hemm żball ta' disgħin Euro (€90), u li l-kont attwali kien ta' tmien mija u għaxar Euro (€810). Qal li minkejja li huwa kien jaf li ma kien hemm l-ebda ħlas dovut għall-ħażna tal-karru, huwa ħalla tmenin Euro (€80) għand is-soċjetà attriċi. Qal li huwa kien sorpriż meta sar jaf li minħabba pendenza ta' madwar mija u ħamsin Euro (€150), is-soċjetà attriċi anki żammet id-dgħajsa bħala garanzija għal ħlas, u qal li dan huwa aġir illegali u abbużiv għall-aħħar. Qal ukoll li permezz ta' ittra legali mibgħuta fit-18 ta' Novembru, 2016, huwa avża lis-soċjetà attriċi li ried id-dgħajsa lura, u qabel bagħat din l-ittra għamel diversi tentattivi sabiex jieħu d-dgħajsa lura. Qal li huwa ma kellux għażla ħlief li jiftaħ proċeduri kriminali kontra David Sammut. Qal li m'hemm l-ebda ftehim biex id-dgħajsa tinżamm fil-*boatyard* tas-soċjetà attriċi, u għalhekk din għandha tirritorna d-dgħajsa b'mod immedjat, u huwa m'għandu jħallas xejn lis-soċjetà attriċi għaliex huwa qatt ma talab li d-dgħajsa tinżamm fil-pussess tagħha.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fl-14 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li għandu jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi b'mod limitat u kkundanna lill-konvenut iħallas tal-ammont ta' seba' mija u sitta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€726.97), bl-imgħax mis-6 ta' Diċembru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-Tribunal jikkunsidra;*
>
> *Il-fatti ta' dan il-każ jistgħu jiġu deskritti b'dan il-mod: is-soċjetà attriċi kienet topera* boatyard, *u l-konvenut kien jaħżen f'din il-*boatyard *żewġ dgħajjes u l-karrijiet relattivi. (fn. 1 ara l-affidavit ta' David Sammut, a fol. 16, ix-xhieda tal-konvenut a fol. 25 dorso) Il-kawża odjerna tittratta waħda minn dawn id-dgħajjes, u ċioe Petecraft 32-Eezee 1 u l-karru tagħha. (fn. 2 ara l-fattura a fol. 4) Fis-sena 2016-2017 inqala' diżgwid bejn il-partijiet peress li l-konvenut irrifjuta li jħallas is-somma mitluba għall-ħażna tal-karru tad-dgħajsa msemmija għaliex insista li ma kellux iħallas separatament għalih. (fn. 3 ara x-xhieda tal-konvenut a fol. 27 dorso, u x-xhieda ta' Benjamin Sammut, a fol. 85 dorso) Is-soċjetà attriċi qed titlob permezz ta' din il-kawża s-somma ta' €846.96ċ għall-ħażna tad-dgħajsa msemmija u l-karru tagħha bejn il-31 ta' Ottubru, 2016 u Novembru, 2017. Min-naħa tiegħu l-konvenut isostni li dan l-ammont mhuwiex dovut għaliex dak iż-żmien id-dgħajsa tiegħu kienet qed tinżamm mis-soċjetà attriċi mingħajr il-kunsens tiegħu talli kien qiegħed jirrifjuta li jħallas għall-karru u jgħid li hu saħansitra għamel kwerela kontra David Sammut, id-direttur tas-soċjetà attriċi, minħabba ż-żamma illegali tad-dgħajsa tiegħu.*
>
> *Hawnhekk għalhekk għandha sitwazzjoni tipika – li kull ma jmur qed issir fenomenu alkwantu frekwenti u kwotidjan fil-kawżi – fejn parti tgħid ħaġa u l-parti l-oħra tgħid l-oppost. L-unika ħaġa li jaqblu fuqha l-partijiet hija li fiż-żmien rilevanti, id-dgħajsa u l-karru tal-konvenut kienu jinsabu maħżuna fil-*boatyard *operata mis-soċjetà attriċi, u li kien hemm diżgwid bejniethom dwar jekk il-konvenut kellux iħallas għall-ħażna tal-karru wkoll. Għall-bqija, il-konvenut jgħid li kienet is-soċjetà attriċi li żammet id-dgħajsa kontra l-volontà tiegħu għaliex hu rrifjuta li jħallas għat-*trailer, *fatt li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi innegaw tul il-kawża kollha.*

*Ikollu jiġi mistqarr li meta l-ġrajja proċesswali tippreżenta żewġ estremi bħal dawk in diżamina, il-kompitu ta' min huwa msejjaħ jiddeċiedi jsir ferm aktar diffiċli u ardwu. F'tali ċirkostanzi, il-Qrati tagħna għallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kważi kull proċess, għal kull min jeżamina l-provi bl-aħjar reqqa, għandha temerġi xi ċirkostanza, jew xi serje ta' ċirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklussiva, tal-każ." (***Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et,*** *Appell Superjuri, 30 ta' Ġunju, 1969; mhux pubblikata). Iżda jiġi wkoll mistqarr li dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, il-provi għar-rigward ikunu ta' natura kemmxejn skjetta, akkumpanjati minn verżjonijiet dijametrikament opposti waħda għall-oħra (hekk kif inhu l-każ de quo). F'tali sitwazzjonijiet, ċertu normi tal-Liġi u numru ta' prinċipji ġuridiċi jissokkorru lill-ġudikant sabiex jagħtuh kejl ta' miżurazzjoni ai finijiet ta' deċiżjoni. (fn. 4 Jiġi mfakkar, kif ingħad in re* ***Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia*** *(Prim'Awla, 24 ta' Novembru, 1996 per Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran illi, "*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-kunflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati tagħna jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti." *Addizzjonalment, in re* **Middle Sea Insurance p.l.c. noe v. Victor Sammut** (*Appell Superjuri, 2 ta' Ġunju, 2003), insibu ritenut li, "*F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jeżisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli". *Ara wkoll in re* ***Dr. Elizabeth Vella M.D. v. Bieb Bieb Limited et*** *(Prim Awla, 9 ta' Diċembru, 2011). Dan it-Tribunal jerġa' jieħu l-opportunità, kif għamel f'okkażjonijiet preċedenti,*

*(fn. 5 – ara s-sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal, kif presjedut, in re* ***Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et****, mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2018 (mhux appellata) u in re* ***Charles Schembri v. Jean Schembri****, mogħtija fid-9 ta' Jannar, 2019 (mhux appellata), illi jirrimarka li m'għandux ikun skontat il-ħsieb ta' xi kontendent li jaħseb bis-segwenti manjiera: "*Għandi raġun, u min ser jismani u jiġġudikani għandu tabilfors jintebaħ!*" Tali raġunament, waħdu, ma jagħtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, għas-sitwazzjoni li l-ġudikant ser jirrikonoxxi bħala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l-għaliex il-verità proċesswali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi neċessarja ċerta kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patroċinatur tagħha u ta' dan tal-aħħar mal-enti ġudikanti sabiex iż-żewġ veritajiet jikkombaċjaw, jiġu sinkronizzati u jikkoeżistu f'armonija reċiproka fl-atti proċesswali tal-każ. Dan iseħħ permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e. il-provi) li titressaq f'kawża quddiem min huwa ultimament imsejjaħ biex jiġġudika. Tramite tali għarbiel proċedurali, il-verità reali, li jafu solitament il-litiganti, tiġi mressqa f'forma ġuridika, oġġettiva u konkreta lill-enti ġudikanti għall-iskrutinju tagħha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' oħra mil-litiganti – tinbidel f'verità proċesswali, ossia f'fattur konkret u f'fatt ġuridikament valevoli li jivvinkola lill-ġudikant li jqis, jiżen, jixtarr u jiġġudika dwaru. Għalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawża u mhux l-aspettattivi tal-partijiet.*

*Għal min qed jiġġudika, xejn ma huwa skontat u xejn mhu ovvju. Ġudikant adit minn mertu ta' proċediment għandu jfassal id-deċiżjoni tiegħu fuq il-bażi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u għal tali materjal – in virtù tal-prinċipju* iura novit curia *– japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-prinċipju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, skont liem min hu tenut jiġġudika għandu l-obbligu jagħmel hekk "*iuxta allegata et probata"*, jimporta illi d-deċiżjoni emessa tkun meħuda unikament in bażi għall-allegazzjonijiet konkretement pruvati, ċioe miċ-ċirkostanzi fattwali u ġuridiċi dedotti in fondament għad-domanda jew tal-eċċezzjoni, u dejjem meħuda in bażi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija intiża biex tassigura d-debitu rispett tal-prinċipji fundamentali tal-kontradittorju, u timpredixxi li parti tissubixxi deċiżjoni bażata fuq fatti għaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setgħetx tiddefendi ruħha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-prinċipju tad-disponibbilità tal-provi għandu jkun intiż bħala vinkolu għall-ġudikant fl-aċċertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti għal tali aċċertament, il-ġudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi,* mutu proprio, *il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa għalhekk li l-*

*ordinament ġuridiku tagħna jħaddan massimi Latini (fn. 6 Referenza għall-massimi u preċetti derivanti mid-Dritt Ruman seħħew għax, kif magħdud fid-deċiżjoni in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (*Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881) – Deċiżjoni no. 122 riportata f'Kollez. Vol. IX-308), il-Liġi Rumana kienet, u għadha, l-"*ius comune" *(liġi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo riccorrere alle leggi Romane". *Bħala eżempju fejn saret referenza għal u applikazzjoni tal-prinċipji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia,* ***Vincent Curmi noe v. Onor. Prim Ministru et noe et*** (*Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008);* ***John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et*** *(Appell Superjuri, 26 ta' Ġunju, 2009);* ***Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014);* ***Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et*** *(Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u* ***Sebastian Vella et v. Charles Curmi*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014), bħal "*quod non est in actis non est in mundo", (*fn. 7 traduz: dak li mhux esebit fl-atti proċesswali, ma jeżistix għall-ġudikant), "*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam" *(fn. 8 – traduz: skont dak imressaq bħala prova/evidenza, u mhux skont dak li jaf personalment il-ġudikant), u* "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii". *(fn. 9 traduz: mhux skont dak li jaf personalment il-ġudikant, iżda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiġġudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza). Tali massimi huma riflessi u abbraċċjati fid-deċiżjonijiet, fost oħra, in re* ***Carmelo Zammit v. Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp*** *(Qorti Kummerċjali, 10 ta' April, 1995) u in re* ***Michael Debono et v. Joseph Zammit et*** *(Prim'Awla, 30 ta' Ġunju, 2010). In konġunta ma' din l-aħħar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mill-awtur* ***AURELIO SCARDACCIONE*** *("Le Prove", UTET1965; §3, p. 8) meta jgħid illi,* "il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo." *(fn. 10 Addizzjonalment mill-perspettiva Ingliża wieħed jirreferi għad-dictum ta' Lord Thomson L.J.C., fil-każ in re* ***Thomson v. Corporation of Glasgow,*** *(1962, SC [HL] 35 at 52) fejn sostna illi, "*It is on the basis of two carefully selected versions that the Judge is finally called upon to adjudicate ... He is at the mercy of two contending sides whose whole object is not to discover truth but to get his judgment. That judgment must be based only on what he is allowed to hear. He may suspect that witnesses who know the "truth" have never left the witness-room for the witness-box because neither side dares risk them, but the most that he can do is to coment on their absence." *(cfr.* ***HEYDON J.D.*** *"Cross on Evidence", 8th Australian edition, LexisNexis Butterworths Australia, 2010, §17135, p. 531).*

*Epilogati dawn il-ftit insenjamenti dottrinali u mill-ġurisprudenza domestika, it-Tribunal idawwar l-attenzjoni tiegħu għall-fattispeċji ta' dan il-każ.*

*Il-konvenut jaqbel li d-dgħajsa tiegħu kienet qed tinżamm fil-boatyard tas-soċjetà attriċi fil-perijodu bejn Ottubru, 2016 u Novembru, 2017. Jirriżulta fil-fatt li din id-dgħajsa baqgħet f'tali boatyard sa mill-inqas Diċembru, 2019. (fn. 11 ara l-verbal tat-30 ta' Ottubru, 2019, a fol. 48, u n-nota ppreżentata mill-konvenut fit-13 ta' Jannar, 2020 flimkien mad-dokumenti annessi, a fol. 53). Għalhekk is-soċjetà attriċi ppruvat li hija fil-fatt kienet tat dan is-servizz lill-konvenut li għalih qed tippretendi ħlas. Min-naħa tiegħu l-konvenut iddefenda ruħhu kontra l-pretensjoni attriċi mhux billi sempliċiment irrespinġa din il-pretensjoni, iżda billi ta verżjoni kompletament ġdida dwar ir-raġuni għalfejn id-dgħajsa tiegħu kienet tinstab fil-*boatyard *tal-attriċi bejn Ottubru, 2016 u Novembru, 2017. Għalhekk, l-oneru probatorju jaqa' esklussivament fuq il-konvenut li debitament jipprova l-assunt tiegħu u dan in virtù tar-regola "reus in excipiendo fit actor" (fn. 12 "*L'espressione indica che, in ordine alla eccezioni, il convenuto assume la posizione di attore. Ciò vuol dire che il convenuto alle quale sollevi un'eccezione, ha l'onore di provare i fatti posti a fondamento dell'eccezione stessa" (cfr. **FEDERICO DEL GIUDICE**, "Il Latino in Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "reus in excipiendo fit actor", p. 287). Ara wkoll **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Heopli 1993; vuci: "reus in excepione actor est", p. 347). *Mix-xena domestika, fost numerevoli deċiżjonijiet, ara dik in re **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** (Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007) sostniet hekk: "*ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio') sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')", *li imbagħad trid tiġi mħaddma fid-dawl ta' dak artikolat taħt l-art. 562 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivil li jipprovdi li, "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah".

*Wara li eżamina bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża, it-Tribunal iqis li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut li bejn Ottubru, 2016 u Novembru, 2017 id-dgħajsa u l-karru tiegħu kienu qed jinżammu mis-soċjetà attriċi kontra l-kunsens tiegħu ma ġietx debitament pruvata minnu u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*i.* *L-ewwel nett, din l-allegazzjoni tal-konvenut hija kompletament kontradetta mill-imġiba tiegħu. Skont il-konvenut id-dgħajsa tiegħu kienet ilha tinżamm mis-soċjetà attriċi kontra r-rieda tiegħu minn Novembru, 2016. Però, din id-dgħajsa tħalliet fl-imsemmi* boatyard *minn tal-inqas sa Diċembru, 2019, u dan*

*minkejja li waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2019 kien ġie verbalizzat li l-konvenut seta' jmur jirtira d-dgħajsa u l-karru mill-istabbiliment tal-attriċi (a fol. 41). Anke kieku kellu jiġi aċċettat li kien biss f'dan il-punt li s-soċjetà attriċi ppermettiet lill-konvenut jirtira d-dgħajsa u l-karru tiegħu, huwa kontro-sens għall-verżjoni tal-konvenut li huwa ħalla d-dgħajsa u l-karru tiegħu fil-* boatyard *proprju fix-xhur tas-sajf li huma x-xhur meta l-iktar ser tintuża d-dgħajsa, partikolarment meta din id-dgħajsa kienet allegatament tintuża għan-negozju tal-konvenut. (fn. 13 ara l-ittra mibgħuta mill-avukat difensur tal-konvenut lis-soċjetà attriċi fit-18 ta' Novembru, 2016 a fol. 19 dorso). Il-konvenut ipproduċa* recording *ta' telefonata bejnu u bejn ċertu Christian Cassano, fejn Cassano informa lill-konvenut li allegatament kienet daħlitlu telefonata b'theddida biex ma jersaqx lejn il-*boatyard *tas-soċjetà attriċi biex jirtira d-dgħajsa tal-konvenut. F'dan ir-rigward it-Tribunal josserva li dan Christian Cassano ma ġiex prodott sabiex jixhed bil-ġurament tiegħu dwar dan it-theddid li allegatament irċieva u għalhekk it-Tribunal iqis li din ir-*recording *m'għandha l-ebda valur probatorju. (fn. 14* recording *esebita mill-konvenut permezz ta' nota tat-13 ta' Jannar, 2020 a fol. 53)*

*ii.* *It-Tribunal iqis ukoll kompletament inverosimili li l-konvenut kien ser jitlef tliet snin redditu minn din id-dgħajsa minħabba diżgwid fuq somma ta' €150, li hija s-somma li l-konvenut jgħid li kien ġie mitlub li jħallas minn Benjamin Sammut. (fn. 15 ara x-xhieda tal-konvenut a fol. 27 dorso)*

*iii.* *Huwa wkoll inverosimili li l-konvenut ma kien ser jieħu l-ebda passi għal tant snin meta s-soċjetà attriċi kienet qed iżżomm, allegatament kontra r-rieda tiegħu, id-dgħajsa tiegħu li skont hu tiswa aktar minn mitt elf Euro u li hu juża għan-negozju tiegħu. Mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien għamel rapport wieħed lill-pulizija li min-naħa tagħhom kienu ressqu lil David Sammut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli b'akkuża ta'* ragion fattasi*. (Fn. 16 ara t-taħrika tal-kawża a fol. 62). Jirriżulta li Sammut kien ġie liberat minn din l-akkuża għaliex ma kienx ġie mħarrek f'isem il-kumpannija. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva li għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat li Sammut "*irritjena tali dgħajsa" *biex jikkawtela dritt li seta' kellu skont id-dritt ċivili, ma jirriżultax jekk din il-konsiderazzjoni hijiex ibbażata biss fuq xhieda ta' Zammit jew jekk hijiex ibbażata wkoll fuq xhieda ta' Sammut, u għalhekk it-Tribunal ma jqisx li din hija prova li jista' jibbaża fuqha l-konvinċiment morali tiegħu f'din il-kawża. (fn. 17 Hawnhekk it-Tribunal jinnota li l-konvenut ma qal xejn dwar dawn il-proċeduri fix-xhieda tiegħu ħlief li fl-ewwel udjenza kien ġie dikjarat*

*proċediment eżawrit minħabba n-nuqqas ta' dehra tiegħu u li għalhekk kellu jintavola rikors biex il-kawża tiġi riappuntata). Ma jirriżultax li l-konvenut ħa xi passi oħra sabiex jiġi rripristinat fil-pussess tad-dgħajsa tiegħu, la permezz ta' kwerela oħra mill-Pulizija u lanqas permezz ta' proċeduri ċivili. Dan in-nuqqas min-naħa tal-konvenut li jieħu dawk il-passi neċessarji sabiex jiġi rripristinat fil-pussess tad-dgħajsa tiegħu jikkontradiċi serjament il-pożizzjoni li ħa f'din il-kawża li d-dgħajsa kienet qed tinżamm mis-soċjetà attriċi kontra r-rieda tiegħu.*

iv. *Fl-atti ġew prodotti interpellazzjonijiet mibgħuta mis-soċjetà attriċi lill-konvenut sabiex ineħħi d-dgħajsa tiegħu mill-istabbiliment tagħha. (fn. 18 ara l-email mibgħuta fit-12 ta' Novembru, 2016 a fol. 35, l-email mibgħut minn Daniel Sammut fil-5 ta' April, 2018 a fol. 20 u l-ittra mibgħuta ġurnata qabel a fol. 20 dorso). Għalkemm huwa minnu li uħud minn dawn l-interpellazzjonijiet huma tas-sena 2018, mhuwiex kontestat li sa dak iż-żmien il-konvenut kien għadu ma ħallasx għall-karru li dwaru l-konvenut jgħid li kien inqala' d-diżgwid bejn il-partijiet, oltre li sa dak iż-żmien kien akkumula wkoll il-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi f'din il-kawża. Ikkonsidrat li l-konvenut jgħid li s-soċjetà attriċi żammet id-dgħajsa u l-karru tiegħu minħabba r-rifjut tiegħu li jħallas €150 għall-ħażna tal-karru, ma jagħmel l-ebda sens li s-soċjetà attriċi kienet allura ser tinterpella lill-konvenut biex ineħħi d-dgħajsa u l-karru tiegħu mill-istabbiliment tagħha meta mhux talli l-konvenut kien għadu ma ssaldax il-pretensjoni oriġinali tagħha, iżda talli l-pretensjoni tagħha kompliet kibret u ma jidhirx li kien hemm prospett li ser titħallas bonarjament.*

*Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal iqis li l-konvenut ma seħħlux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li s-somma ta' €726.97 mhijiex dovuta minnu għaliex qed tiġi mitluba għal żmien meta s-soċjetà attriċi kienet qed iżżomm id-dgħajsa u l-karru tiegħu kontra l-volontà tiegħu.*

*Is-sitwazzjoni hija distinta fir-rigward tas-somma ta' €119.99 pretiża mis-soċjetà attriċi fir-rigward tal-karru tal-konvenut. Il-konvenut jinnega li l-karru tad-dgħajsa tiegħu kien qiegħed jinżamm separat mid-dgħajsa u jsostni li hu qatt ma kien ġie mitlub qabel sabiex iħallas somma separata għall-karru. Min-naħa tagħha s-soċjetà attriċi ssostni li l-konvenut kien qiegħed iżomm il-karru ta' din id-dgħajsa mhux taħt id-dgħajsa iżda separat minnha u kien għalhekk li kienet qed tippretendi ħlas separat għall-ħażna tiegħu.*

*Fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża irriżulta li fil-verità ma kienx il-konvenut li kien poġġa l-karru separatament mid-dgħajsa. Skont ix-xhieda in kontro-eżami ta' Daniel Sammut, il-karru kien ittieħed fl-istabbiliment tas-soċjetà attriċi sabiex jiġi maħżun xi*

*xhur wara li kienet ittieħdet id-dgħajsa (fol. 45). Skont Sammut il-karru kien ittieħed minn fuq il-post minn terzi persuni u hu kien iddeċieda li jaħżen il-karru separatament għaliex ma kellux struzzjonijiet mill-konvenut biex ipoġġi l-karru taħt id-dgħajsa, u l-karru kien difettuż u għalhekk ma riedx jieħu r-responsabbilità li jgħabbi d-dgħajsa fuqu (fol. 45) Sammut jgħid li kkomunikaw mal-konvenut dwar dan, iżda l-ebda prova ta' dan ma tressqet. Ma jirriżultax lanqas li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet dwar il-ħlas li kellu jsir għall-ħażna separata tal-karru.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, ġaladarba s-soċjetà attriċi naqset milli tipprova li dan il-karru kien maħżun separat mid-dgħajsa fuq struzzjonijiet tal-konvenut jew bi ftehim miegħu, l-ebda ammont ma għandu jitħallas mill-konvenut fir-rigward tal-ħażna tal-karru.*

*Qabel l-għeluq ta' din is-sentenza, ma jkunx futili illi jiġi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-ġudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli għall-formazzjoni tal-konvinċiment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-ratio decedenti adottata." **(Elizabeth Bugeja v. Anthony sive Tony Muscat**, *Appell Inferjuri, 27 ta' Ġunju, 2007).*

*Inoltre, kontendent fi proċeduri ġudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min għandu jiġġudika għandu jaċċetta bħala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tiegħu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiġġudika (vide* ***Antoine Vassallo v. Paul Portelli****, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) għax, kif magħruf, il-ġudikant, f'sede ċivili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiżiti u li jispigola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-deċiżjoni tiegħu (vide* ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et****, Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab saħansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal għar-*ratio decidendi *tas-sentenza, il-qorti tal-ewwel grad tagħżel tistrieħ kważi għal kollox fuq ir-riżultanzi istruttorji forniti minn parti waħda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jġibx għal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment ħażina jew erroneja (ara f'dan is-sens, vide* ***Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso****, Appell Inferjuri, 12 ta' Diċembru, 2007). Ir-raġuni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Ċivili Taljana, fil-każ ta' 'Zambelli c. Tarozzo' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione adottata." (*cfr.* ***"Massimario della Giurisprudenza Italiana"****, Anno XLVII – 1977; UTET 1979; massima nru. §444 riportata f'paġna 107). Għalkemm din is-sentenza ma tirreferix speċifikament għal kull prova dokumentarja*

*u kull depożizzjoni testimonjali u kull sottomissjoni magħmula mid-difensuri – filwaqt li jiġi assikurat li dawn kollha ġew eżaminati – l-omissjoni tagħhom hi dovuta għall-fatt li dak ommess ma kienx rilevanti għall-konsiderazzjonijiet hawnhekk intrapriżi. (fn. 19 cass. Civ. Sez. VI-3, sentenza nru. 16467 tal-4 ta' Lulju, 2017): "*La valutazione delle risultanze delle prove ed il giudizio sull'attendibilità dei testi, come la scelta, tra le varie risultanze probatorie, di quelle ritenute più idonee a sorreggere la motivazione, involgono apprezzamenti di fatto riservati al giudice di merito, il quale e' libero di attingere il proprio convincimento da quelle prove che ritenga più attendibili, senza essere tenuto ad un'esplicita confutazione degli altri elementi probatori non accolti, anche se allegate dalle parti." (cass. Civ. Sez. Lavoro, sentenza nru. 13485 tat-13 ta' Ġunju, 2014): "In tema di prova, spetta in via esklusiva al giudice di merito il compito di individuare le fonti del proprio convincimento, di assumere e valutare le prove, di controllarne l'attendibilità e la concludenza, di scegliere, tre le complessive risultanze del processo, quelle ritenute maggiormente idonee a dimostrare la veridicità dei fatti ad esse sottesi, assegnando prevalenza all'uno o all'altre dei mezzi di prova acquisiti, nonché la facoltà di escludere anche attraverso un giudizio implicito la rilevanza di una prova, dovendosi ritenere, a tal proposito, che egli non sia tenuto ad esplicitare, per ogni mezzo istruttorio, le ragioni per cui lo ritenga irrilevante ad enunciare specificamente che la controversia può essere decisa senza necessità di ulteriori acquisizioni.")

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-konvenut fis-26 ta' Lulju, 2022, huwa talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tilqa' l-appell tiegħu.

6. L-appellant spjega li l-aggravju tiegħu huwa ċar, u huwa dwar l-apprezzament żbaljat tal-provi li sar min-naħa tat-Tribunal, għaliex mill-assjem tal-provi, kellu jirriżulta li l-appellant ressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnu, u huwa għamel dan sal-grad rikjest mil-liġi, filwaqt li s-soċjetà appellata naqset milli ssostni l-allegazzjonijiet tagħha bi provi konkreti. L-appellant qal li huwa kontradittorju għat-Tribunal li jilqa' t-talbiet tas-soċjetà appellata b'mod

limitat, għaliex it-Tribunal minkejja li fehem l-ilment tal-appellant sabiex ma jiġix orndat iħallas l-ammont pretiż minnu għall-kiri ta' spazju għall-karru, xorta waħda ordnalu jħallas ammont għall-kiri ta' spazju għad-dgħajsa għaż-żmien li d-dgħajsa kienet miżmuma mis-soċjetà appellata b'mod illegali u abbużiv. L-appellant qal li dan sar kontra r-rieda tiegħu u sabiex huwa jiġi mġiegħel iħallas dejn li l-appellata ppretendiet li huwa kellu jħallas.

7. L-appellant qal li huwa għamel dak kollu permissibbli bil-liġi biex jieħu ħwejġu lura mill-*boatyard* in kwistjoni, u huwa kien ilu għal żmien twil jitlob biex jieħu lura l-pussess tal-imsemmija dgħajsa. Qal li huwa anki ippreżenta kwerela lill-Pulizija darbtejn, sabiex id-direttur tas-soċjetà appellata jitressaq akkużat b'ragion fattasi *ai termini* tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li s-soċjetà appellata żammet id-dgħajsa tal-appellant fil-pussess tagħha sabiex iġġiegħel lill-appellant iħallas somma flus li t-Tribunal iddeċieda li l-appellant ma kellux iħallas.

8. L-appellant qal li fl-10 ta' Lulju, 2019, waqt is-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal, huwa rrepeta t-talba tiegħu sabiex jieħu lura d-dgħajsa tiegħu, fejn ġie vverbalizzat li l-appellant seta' jmur jirtira d-dgħajsa u l-karru mill-istabbiliment tas-soċjetà appellata. Kompla jgħid li minkejja dawn it-tentattivi kollha biex jieħu lura pussess tad-dgħajsa tiegħu, is-soċjetà appellata qatt ma ħallietu jieħu lura l-pussess tagħha. Hawnhekk l-appellant staqsa hu x'kellu jagħmel aktar sabiex jiġi ripristinat fil-pussess tad-dgħajsa, u dan wara li intavola ittra uffiċjali, tliet kwereli mal-Pulizija Eżekuttiva, u anki verbalizzat t-talba tiegħu *seduta stante* quddiem it-Tribunal. Qal li hu anki mar fil-*boatyard* attrezzat bl-inġenji sabiex jieħu lura pussess tad-dgħajsa, iżda dan kien kollu ta'

xejn. L-appellant spjega li d-dgħajsa tiegħu hija ta' daqs sostanzjali, u huwa għandu bżonn persuna bi trakk u *trailer* sabiex ikun jista' jġorr din id-dgħajsa, u kien hemm drabi meta s-soċjetà appellata stess offrietlu dan is-servizz. Qal li huma verament ftit il-persuni u kumpanniji f'Malta li joffru dan is-servizz ta' ġarr ta' bċejjeċ tal-baħar, u huwa diffiċli ħafna li wieħed jiftiehem ma' persuna li tkun disposta tagħti dan is-servizz. Qal ukoll li mhux l-ewwel darba li mar fil-*boatyard* tas-soċjetà appellata attrezzat biex jieħu d-dgħajsa, iżda dan kien kollu ta' xejn għaliex is-soċjetà appellata ma ħallitux jieħu d-dgħajsa. Qal li l-ammont li huwa ntalab iħallas ma jirrappreżentax id-danni reali, iżda forzaturi intiżi unikament biex is-soċjetà appellata tapprofitta ruħha mis-sitwazzjoni, u l-pretensjonijiet tagħha mhumiex in linea mal-massima li d-danneġġjat, filwaqt li għandu dritt li jiġi riżarċit, huwa obbligat ukoll jimminimizza d-danni u mhux jarrikixxi ruħhu minn fuq il-parti l-oħra. L-appellant finalment qal li l-kwistjoni bejn il-partijiet ma baqgħetx dwar l-ammont miżeru ta' €150, għaliex is-soċjetà appellanta, wara li bdew l-argumenti bejn il-partijiet, bdiet tiċċarġja lill-appellant kera għal kull ġurnata li fiha hija żammet id-dgħajsa għandha, anki jekk b'mod illegali.

9. Is-soċjetà appellata ma ppreżentat l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, u dan minkejja li ġiet debitament notifikata bir-rikors tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata. Il-Qorti tosserva li s-soċjetà

appellata ma pparteċipat bl-ebda mod f'dawn il-proċeduri ta' appell, u lanqas biss ressqet risposta għar-rikors tal-appell.

*L-Aggravju:* *[Apprezzament żbaljat tal-provi min-naħa tat-Tribunal]*

11. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi ppreżentati quddiemu, u qal li kien hu li rnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi. Qal li l-fatt li t-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjetà appellata b'mod limitat, juri li minkejja li dan fehem is-sitwazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-karru, dan xorta waħda naqas li japprezza li d-dgħajsa kienet miżmuma mis-soċjetà appellata b'mod abbużiv u illegali, għaliex dan sar kontra r-rieda tal-appellant. Qal li huwa wera b'diversi modi li huwa ried jieħu d-dgħajsa lura, inkluż billi ppreżenta żewġ kwereli, u billi anki vverbalizza quddiem it-Tribunal waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2019, li huwa seta' jirtira d-dgħajsa u l-karru. Qal li madanakollu, minkejja li mar bl-attrezzaturi meħtieġa biex jiġbor id-dgħajsa u l-karru tiegħu mill-*boatyard* tas-soċjetà appellata, dawn xorta waħda baqgħu ma ngħatawlux.

12. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżultaw diversi interpellazzjonijiet min-naħa tas-soċjetà appellata, fejn talbet lill-appellant imur jiġbor id-dgħajsa u l-karru tiegħu mill-*boatyard* tagħha, u fejn l-appellant ġie mgħarraf ukoll bil-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jagħmel dan. Skont dak li ġie verbalizzat quddiem it-Tribunal waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2019, jirriżulta li s-soċjetà appellata tat il-kunsens tagħha lill-appellat sabiex dan jiġbor id-dgħajsa u l-karru tiegħu, wara li kienet ilha titolbu jagħmel dan. Dan il-verbal jgħid:

*"Fid-dawl tad-depożizzjoni ta' David Sammut, id-difensuri tal-partijiet qegħdin, bla ebda preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, jaqblu seduta stante illi d-dgħajsa u l-karru li ssemmew f'dawn il-proċeduri jistgħu jiġu ritirati mill-istabbiliment tal-attriċi mill-konvenut u/jew minn persuna minnu hekk awtorizzata minn għada 11 ta' Lulju, 2019 'il quddiem, b'dana illi dan m'għandux jiġi interpretat illi s-soċjetà attriċi qed tagħti l-kunsens solament ISSA lill-konvenut jagħmel dan peress illi l-istess attriċi ilha titlob lill-konvenut li jmur u jieħu d-dgħajsa u l-karru għal żmien twil qabel illum."*

13. Il-Qorti tirrileva li David Sammut huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà appellata. In vista ta' dan il-verbal, li l-appellant juża bħala bażi għall-aggravju mressaq minnu, din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu, għaliex ma jirriżultax li hu minnu li t-Tribunal b'xi mod naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi. Kuntrarjament għal dak li qal l-appellant, għandu jirriżulta li huwa kien ilu jiġi mitlub biex jiġbor id-dgħajsa mingħand is-soċjetà appellata, iżda huwa naqas milli jagħmel dan. Għaldaqstant ma jistax jingħad li din id-dgħajsa kienet qiegħda tinżamm mis-soċjetà appellata abbużivament u illegalment, għaliex dan ma jirriżultax la mill-*emails* esebiti, u lanqas mill-verbal imsemmi li għamel riferiment għalih l-appellant in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**